FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 27 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija
(Spettur Robert Said Sareo)

Vs

Francesco Scerri Hawkins
Luigi Scerri
Carmelo Scerri
Jesmond Scerri

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta' karta ta' identita' 65385(m), 420761(m), 206757(m), 233267(m) rispettivament akkuzati:

A. talli nhar l-10 ta' Settembru 2011 ghal habta tas-630 ta' wara nofsinhar filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar, bi vjolenza u b'theddid gieghlu lill-Maggur tal-Pulizija 1148 Victor Buttigieg. lis-surgent 337 Mark Anthony Mercieca, lis-surgent 440 Kenneth Vella Gregory, lis-surgenta 156 Sonia Parascandalo, lill-kuntistabbli 1580 Jonathan Paris u l-kuntistabbli 25 Jean Paul Young, fost Pulizija ohra, bhala ufficjali pubblici li jaghmlu jew ma jaghmlux xi haga li ghandha x'taqsam mall-kariga taghhom;
B. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice gewwa Haz-Zabbar attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza Pubblika kontra l-persuni tal-Maggur tal-Pulizija 1148 Victor Buttigieg. lis-surgent 337 Mark Anthony Mercieca, lis-surgent 440 Kenneth Vella Gregory, lis-surgenta 156 Sonia Parascandalo, lill-kuntistabbli 1580 Jonathan Paris u l-kuntistabbli 25 Jean Paul Young, fost Pulizija ohra, bhala ufficjali inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita Kompetenti;
C. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar, ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuna tal- Maggur tal-Pulizija 1148 Victor Buttigieg. lis-surgent 337 Mark Anthony Mercieca, lis-surgent 440 Kenneth Vella Gregory, lis-surgenta 156 Sonia Parascandalo, lill-kuntistabbli 1580 Jonathan Paris u l-kuntistabbli 25 Jean Paul Young, fost Pulizija ohra, bhala ufficjali inkarigati skond il-Ligi minn servizz Pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaw jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-Ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;
D. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar, ma obdewx l-ordinijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz Pubbliku jew ma hallewx jew fixklu waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;
E. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar volontarjament kissru il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied;

F. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar qalu kliem oxxen, indecenti u dagha;

G. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar. stednu ghal-glied lill- Maggur tal-Pulizija 1148 Victor Buttigieg. lis-surgent 337 Mark Anthony Mercieca, lis-surgent 440 Kenneth Vella Gregory, lis-surgenta 156 Sonia Parascandalo, lill-kuntistabbli 1580 Jonathan Paris u l-kuntistabbli 25 Jean Paul Young, fost Pulizija ohra,

H. barra minn dan, akkuzati ukoll talli nhar l-10 ta' Settembru 2011 ghal habta tas-630 ta' filghaxija, filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar u aktar tard gewwa l-Ghassa ta' Haz Zabbar gabu ruhom b'tali mod li kkagunaw biza' li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta huma kienu jafu jew misshom kienu jafu li b'tali mgieba taghhom ser jikkagunaw lil haddiehor biza;

**LIL FRANCESCO SCERRI HARKINS U LUIGI SCERRI wahedhom:**

I. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar. dolozament bil-hsieb li jikkagunaw ferita' ta' natura gravi fuq il-persuna tas-surgent tal-Pulizija 337 Mark Anthony Mercieca, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi garawlu oil filter u oggetti ohra iebsin fi-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex ezegwit minhaba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' taghhom bhala ufficjal inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita Kompetenti;

J. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kienu fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar, qabbdu oggetti iebsin kontra terzi persuni;

**LIL FRANCESCO SCERRI HARKINS wahdu:**

K. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta lill- Maggur tal-Pulizija 1148 Victor Buttigieg bhala ufficjal inkarigat skond il-Ligi minn servizz Pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi fl-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' Ordni moghti skond il-Ligi mill-Awtorita Kompetenti, skond kif iccertifikat minn Dr Stephanie Frendo MD mic-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid;

L. fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar, ikkawza hsara volontarja cioe billi kisser in-nuccali tax-xemx tad-ditta Oakley tas-surgent tal-Pulizija 337 Mark Anthony Mercieca, liema hsara teccedi it-€23.29 izda mhux izjed minn €116.47 ghad-dannu tal-istess Mark Mercieca;

**LIL LUIGI SCERRI wahdu:**

**M.** fl-istess data hin lok u cirkostanzi filwaqt li kien fi Triq Felice, gewwa Haz-Zabbar, ikkawza hsara volontarja cioe billi kisser parti minn mobile phone tal-ghamla Nokia, mudell 5800 bin-numru tas-serje mhux maghruf, ghad-dannu tas-surgent tal-Pulizija 440 Kenneth Vella Gregory, liema hsara teccedi it- -€23.29 izda mhux izjed minn €116.47 ghad-dannu tal-istess Kenneth Vella Gregory;

Il-Qorti mitluba sabiex tapplika ukoll l-Art 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Art 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Art 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi li bihom l-imputati jinsabu imharka jirrisalu ghal Settembru 2011 fl-isfond tal-festa tar-rahal ta' Haz-Zabbar fil-waqt li huma ngabru flimkien, ukoll l-familji rispettivi taghhom, barra fejn xi fond ta' residenza ta' konoxxenti taghhom. Kienu ghas-6.30 ta' wara nofs inhar u kien appena spicca l-marc. In virtu tax-xhieda tal-bosta pulizija li xehdu f''din il-kawza huwa asserit minn naha tal-pulizija li huma kienu telghin 'il fuq lejn Triq is-Santwarju meta semghu diskors u hsejjes provenjenti minn Triq Felice li haduhom bhala diretti lejhom. Il-kliem in kwistjoni affermaw li kienu jikkomprendu il-kliem 'pigs', 'riha ta' bacon' fost kliem dispreggat iehor.

Intant, l-imputati kienu ilkoll presenti f'din l-okkazjoni, u, minn aktar jew minn anqas, dejjem skond il-prosekuzzjoni, kien partecipi f'xi att li ta' lok ghall-Avukat Generali johrog l-akkuzi kontra kull wiehed minnhoma bazi l-artikoli tal-ligi citati fir-rinviju ghall-gudizzju.

Mill-imputati kollha huma biss Jesmond Scerri u Carmelo Scerri li ghazlu li jiehdu l-pedana tax-xhieda. Fil-konfront tal-ohrajn donnhom strahu fuq l-istqarrija li kienu irrilaxxjaw li l-valur probatorju taghha illum hi dik li hi. Fil-kawza in meritu pero' l-Qorti dehrilha li ghandha tiehu konjizzjoni ta' dawn l-istqarrijiet taghhom, ukoll, in omagg ghall-principju tal-'audi alteram partem' . Izda, u irrispettivament minn dan, fil-kawza in disamina l-Qorti ghandha mill-anqas hdax il xhieda ta' pulizija li assistew ghall-incidenti li nqalghu dak innhar u fejn fir-rigward ta' bosta istanzi specifici, ix-xhieda taghhom hija esawrienti u verosimili tant li ghandha ghalfejn tigi emnuta.

Ezaminati l-akkuzi mahruga mill-Avukat Generali fil-konfront tal-imputat Francesco Scerri Hawkins, minn xhieda fl-atti, senjatament tal-Maggur 1448 (folio 70 et seq), Ps337 (folio 81 et seq), WPS156 (folio 135), Pc1580 (folio 117), u Pc25 (folio 105), kontra dan l-imputat, ghandhom jirrisultaw r-reati taht l-Artikolu 91, 95, 325(1)(c) tal-Kap 9. Dwar r-reati l-ohra ghab-bazi tal-artikoli fin-nota tar-rinviju: dwar l-attentat ta' ferita gravi m'hemmx l-intenzjoni specifika; dwar il-biza dan mhux prosegwibbli stante li, f'kull kaz, dan sehh f'okkazjoni ta' darba; dwar il-ferita hafifa mill-provi ma tirrisultax; dwar l-Artikolu 96 dak li l-Qorti tirriavvisa hija semmai resistenza passiva li mhiex kolpita b'dan l-artikolu; dwar il-kontravenzjonijiet hu applikabbli l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9;

Ezaminati l-istess fil-konfront tal-imputat Luigi Scerri: skond xhieda, senjatament ta' Ps440, ghandu jinstab hati tal-istess akkuzi (hlief ghal dik taht l-Artikolu 91) li ghalihom ghadu kemm instab hati t-tifel tieghu Francesco u ghall-istess ragunijiet ghandu jigi liberat mill-bqija.

Jonqos l-imputati Carmelo u Jesmond Scerri. Fil-konfront taghhom jirrisulta l-ksur tal-Artikolu 95 fil-konfront tal-imputat Carmelo Scerri (folio 121) izda mhux fil-konfront tal-imputat Jesmond li kontra tieghu ma jirrisulta xejn.

Rat ghalhekk l-artikoli fuq citati. Konsegwentement issib l-imputati Francesco, Luigi u Carmelo hatja skond ma ntqal aktar il-fuq. Billi hi tal-fehma li l-incident eskala inutilment, tapplika kontra l-imsemmija akkuzati l-Artikolu 22 tal-Kap 446 b'dan li tilliberhom bla kondizzjoni. Tillibera ghal kollox lill-imputat Jesmond Scerri.

Il-Qorti fehmet lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrat.